# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Gunju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 996/00mm**

**Gasan Enterprises Limited**

**vs**

**Mario Buontempo personalment u ghan-nom tas-socjeta' Centre Travel co., Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut propio et nomine ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u disgha u disghin liri Maltin u

tmienja u ghoxrin centezmu (Lm899.28) liema somma hija dovuta skond disa' (9) kambjaliet iffirmati mill-istess konvenut propio et nomine, li kopja taghhom gew esebiti, liema kambjaliet skadew izda baqghu ma thallsux, nonostante li l-konvenut propio et nomine gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' Ittra Ufficjali datata 21 ta' Lulju, 2000, u ta' Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala, kontra konvenut propio et nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut propio et nomine iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut propio et nomine naqaset u ma deherx, la fit-12 ta' Gunju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut propio et nomine.